**5 ta' April, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Victor Pace, kwerelanti

*versus*

Michael Schiavone *et*

**Rikors ta' Appell**

*Għalkemm fejn hu possibbli jiġi evitat formaliżmu esaġerat, meta jkun hemm mankanza tal-fatti fil-qosor fir-rikors ta' appell, mhux leċitu li toqgħod tislet minn diversi partijiet ta' tali rikors biex timla hi l-vojt li jkun tħalla mill-appellant.*

*Fit-termini ta' ġurisprudenza kostanti, anke jekk l-eċċezzjoni relattiva ma tiġix issollevata mill-appellat, l-istess għandha tiġi ssollevata mill-Qorti* ex officio.

Il-Qorti:-

Rat il-kwerela tat-12 ta' Jannar, 1983 li fuqha l-kwerelati Schiavone u Spiteri fil-kwalità tagħhom premessa ġew akkużati talli fil-ħarġa tal-ġurnal "Il-Mument" tad-9 ta' Jannar, 1983 (esebit dokument A) fl-ewwel faċċata tiegħu taħt it-titolu "L-Istorja ta' kif il-P.R.O. tal-Prim Ministru dabbar Lm23,000" u b'sotto-titolu "Nikxfu kif tal-klikka iħaxxnu bwiethom" illibellaw u taw malafama lill-kwerelanti Victor Pace bl-iskop li jesponuh għad-disprezz u t-tmaqdir tal-pubbliku u dan bi ksur

tal-liġi dwar l-istampa;

Rat l-eċċezzjonijiet kollha tal-kwerelati;

Rat id-digrieti kollha ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tas-6 ta' Frar, 1984 li biha wara li rat l-artikolu 11 (a), (b), 12 (1) (a), (e), (2), 20 (1), 25 u 26 tal-liġi ta' l-istampa, sabet lill-kwerelat Michael Schiavone fil-kwalità tiegħu ta' Editur tal-ġurnal inkriminat ħati kif mixli u lil Paul Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' stampatur ta' l-istess ġurnal ħati ukoll iżda fi grad ta' kontravvenzjoni stante li ma qisitx li dan aġixxa xjentement u għalhekk ikkundannat lill-kwerelat Michael Schiavone għal ħlas ta' multa fl-ammont ta' ħamsa u tmenin lira Maltija (Lm85) u lil Paul Spiteri għaxar liri Maltin (Lm10) bħala ammenda u ordnat ukoll lill-kwerelati Schiavone u Spiteri biex a spejjeż tagħhom jippubblikaw dik is-sentenza jew sommarju komprensiv tagħha f'ħarġa tal-ġurnal jew gazzetta "Il-Mument" u dan mhux iżjed tard mit-tieni ħarġa tal-gazzetta msemmija u dan kif titlob il-liġi a tenur ta' l-artikolu 20 ta' l-Att dwar l-Istampa, 1974, kif ukoll li jħallsu huma *in solidum* l-ispejjeż ġudizzjarji (proċesswali, inkluż l-onorarju tad-difensur tal-kwerelant (sittin ċenteżmu per seduta) u dan kollu wara li dik il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet kollha li dehrilha relattivi u opportuni;

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-kwerelati Michael Schiavone u Paul Spiteri fil-kwalità tagħhom premessa li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka d-digriet ta' l-Ewwel Qorti fejn ċaħdet il-produzzjoni ta' xhieda rikjesti mill-kwerelati u tisma' l-istess xhieda u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-kwerlati u tilliberahom mill-akkuża miġjuba kontrihom;

Rat l-atti kollha relevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 1984, Dr. Joseph Brincat għall-kwerelanti appellat eċċepixxa n-nullità tar-rikors ta' l-appell skond l-artikolu 431 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali;

Illi din mhix l-ewwel darba li ġiet issollevata eċċezzjoni bħal din f'appelli kriminali u dana evidentement għaliex ir-rekwiżiti tar-rikors ta' l-appell menzjonati fl-artikolu 431 tal-Kodiċi Kriminali huma imposti taħt piena ta' nullità espressa u fost dawn ir-rekwiżiti l-liġi ssemmi fl-inċiż (a) "il-fattijiet fil-qosor";

Din l-istess Qorti fil-kawża **La Polizia *vs* Carmelo Carabott *et***, fit-8 ta' Novembru, 1933, osservat: "*È stato pure ritenuto che non si ottempera neppure al voto della legge il menzionare la imputazione o l'espone la dichiarazione della convinzione o della liberazione, anche indicando articoli di legge, perchè col ciò fare o il tacere dei veri fatti comme occorsi oppure del motivo di aggravio è una elusione della legge comimuante la nullità del ricorso*" (Coll. Vol. XXVIII-IV-210). Minn dik is-sentenza kien hemm sensiela sħiħa ta' sentenzi oħra fl-istess sens. Ara per eżempju **Anne Scicluna *vs* Margherita Said**, tat-13 ta' Novembru, 1933; **Il-Pulizija *vs* Giuseppe Muscat** u **Il-Pulizija *vs* Alfred Gladwich**, it-tnejn tas-16 ta' Marzu, 1934; **Il-Pulizija *vs* Salvu Agius**, tas-7 ta' April, 1934; **Il-Pulizija *vs* Elia Borg Caruana**, tal-25 ta' Jannar, 1964; **Il-Pulizija *vs* Raphael Zammit**, tat-28 ta' Marzu, 1968; **Il-Pulizija *vs* Francis Saviour Zammit Cutajar**, tat-23 ta' Jannar, 1971; **Il-Pulizija *vs* Joseph Desira** u **Il-Pulizija *vs***

**Crucifix Buttigieg**, it-tnejn tat-18 ta' Marzu, 1972; **Il-Pulizija *vs* Dr. Riccardo Farrugia**, tat-22 ta' Lulju, 1961; **Il-Pulizija *vs* Carmelo *sive* Charles Grima**, tad-29 ta' Lulju, 1972; **Mario Testa *vs* John Vella Chretien**, tas-6 ta' Mejju, 1972; **Il-Pulizija *vs* Saviour Galea**, tat-2 ta' Ġunju, 1977 u **Il-Pulizija *vs* Emanuel Mallia** ukoll tat-2 ta' Ġunju, 1977; **Il-Pulizija *vs* Lawrence Refalo**, tad-29 ta' Jannar, 1976; apparti minn diversi oħrajn anke aktar reċenti. Jista' jingħd ukoll li fit-termini ta' din il-ġurisprudenza li ormai ilha kostanti għal aktar minn ħamsin sena anke jekk l-eċċezzjoni relattiva ma tiġix issollevata mill-appellat l-istess għandha tiġi ssollevata mill-Qorti *ex officio*;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-każ odjern, l-appellanti wara li indikaw x'kienet l-akkuża miġjuba kontrihom u f'hix kienet tikkonsisti s-sentenza għaddew immedjatament biex jelenkaw u jispeċifikaw l-aggravji kollha tagħhom u ħallew barra kompletament l-esposizzjoni tal-fatti fil-qosor. Mit-trattazzjoni, kif anke jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-8 ta' Marzu, 1984, l-istess kwerelati appellanti ssottomettew illi l-fatti huma elenkati fil-paġna 10 tar-rikors ta' l-appell. Bir-rispett kollu lejn l-appellanti, però, ma jistax ikun hemm dubbju li din is-sottomissjoni assolutament mhix korretta. Infatti, il-fatti li jinsabu a fol. 10 u 11 tar-rikors ta' l-appell huma biss ċerti fatti li jirreferixxu għall-aggravju numru disa' (ix) ta' l-istess appell u bl-ebda mod ma jistgħu jiġu mġebbda biex ikopru ukoll l-aggravji l-oħra li uħud minnhom m'huma ibbażati fuq ebda wieħed minn dawn il-fatti. Fuq kollox imbagħad l-appellanti ma jridux jinsew li l-eċċezzjoni bażika tagħhom kienet dik tal-verità tal-fatti u f'dan l-isfond jidher ċar li l-Qorti ma tistax tipprovdi rimedji anke jekk temmen li fejn hu possibbli jiġi

evitatat formaliżmu esaġerat. F'dan il-każ dan mhux possibbli għax l-esposizzjoni tal-fatti hi totalment mankanti u mhux leċitu li l-Qorti toqgħod tislet minn diversi partijiet tar-rikors ta' l-appell biex timla hi l-vojt li jkun tħalla mill-appellant;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi tiddikjara l-istess bħala irritu u null u konsegwentement tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tiegħu.

---